# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 12**

**Rikors numru: 14/13 PC**

**Marina Galea**

**v.**

**Mario Galea**

**Preliminari**

1. Dawn huma appell principali maghmul mill-konvenut u appell incidentali maghmul mill-attrici minn sentenza [s-sentenza appellata] moghtija fl-10 ta' Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja li permezz taghha dik il-Qorti, wara li laqghet it-talba tad-divorzju iddecidiet, inter alia, billi fdat il-kura u kustodja tal-ulied minuri f'idejn ommhom, l-attrici, bid-dritt ta' access

favur missierhom, il-konvenut, bil-modalitajiet stabbiliti fis-sentenza appellata; ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaz-zewg ulied fl-ammont mensili ta' €500 b'effett mill-1 ta' Novembru 2017; iddikjarat xolta l-komunjoni tal-akkwisti u qasmet il-beni tal-komunjoni, l-attiv u l-passiv, u assenjathom lill-partijiet kif stabbilit fis-sentenza appellata; ordnat ukoll li l-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Il-Fatti**

2. Dawn jinsabu adegwatament spjegati fis-sentenza appellata u ghalhekk mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tirrepeti dak li diga` intqal f' dan ir-rigward.

**L-Appelli**

3. L-appell principali mressaq mill-konvenut huwa bbazat fuq tlett aggravji: [l] il-kura u kustodja tal-minuri u l-access ghalihom, [2] il-quantum tal-manteniment u, [3] il-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

4. Abbazi ta' dawn l-aggravji il-konvenut qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet, il-manteniment ghat-tfal jigi ridott

ghal €380 jew ammont verjuri u jigi dikjarat li ma hemm l-ebda hlas dovut mir-ragel lil martu bhala sehemha wara l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

5. L-attrici min-naha taghha, irrispondiet billi ghar-ragunijiet esposti fir-risposta taghha l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud, ukoll hija prezentat appell incidentali li hu bbazat fuq aspett tal-likwidazzjoni w assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u b' mod specifiku fuq debitu tal-komunjoni favur il-proprjeta` parafernali taghha.

6. Abbazi ta dan l-aggravju u tal-kontenut tar risposta taghha, hija qed titlob li, filwaqt li l-appell principali jigi michud, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, ukoll billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-ammont dovut lilha mill-komunjoni tal-akkwisti rapprezentanti il-kreditu tal-attrici fil-konfront tal-komunjoni u li dan m' ghandu ikun limitat u quantifikat fl-ammont ta' €3,750 u minflok, tordna li l-ammont li ghandu jithallas lill-attrici ikun ta' €8,000 rapprezentanti rifuzjoni ta' flus parafernali taghha li gew impjegati ghall-beneficju tal-komunjoni tal-akkwisti; bl-ispejjez ta-zewg istanzi kontra l-attrici l-konvenut.

## Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghal appell odjern.

> **"Kura, kustodja u aċċess tal-minuri:**
>
> "Ħafna mill-udjenzi f'din il-kawża ġew iddedikati għall-problema tal-aċċess tal-missier għal uliedu minuri. Minħabba li, fiċ-ċirkostanzi, ma kienx konsiljabbli li l-attriċi tibqa' tgħix fid-dar residenzajli, hija ġiet awtorizzata sa mill-bidu tal-proċeduri bejn il-partijiet sabiex tmur tgħix x'imkien ieħor flimkien ma' uliedha. Infatti sa issa din kienet qegħdha tgħix fil-kera, b'parti minnha sussidjata mill-Gvern u l-bqija mħallsa minn żewġha.
>
> "Għal żmien twil matul dawn il-proċeduri it-tfal kienu qed jirrifjutaw li jaraw lil missierhom, u dan partikolarment wara li saret allegazzjoni li l-missier kien abbuża sesswalment minn bintu. Imma wara l-investigazzjonijiet opportuni mill-awtoritajiet kompetenti, deher li ma kien hemm xejn minn dak li kien ġie suspettat. Sadanittant, il-missier, b'diffikolta' kbira, kien qed jara l-uliedu taħt superviżjoni ta' *social worker*, sakemm qata' qalbu u ma eżerċitax iżjed l-aċċess li kien ġie akkordat lilu. Jidher li t-tfal ġew influwenzati ħafna minn ommhom fl-aġir tagħhom fil-konfront ta missierhom. Imma bis-saħħa tal-interventi li saru mill-psikologa nominata, s-sitwazzjoni gradwalment tjiebet ħafna tant li għall-aħħar tal-kawża l-missier reġa' beda jara lil uliedu, u minn xi żmien 'l hawn beda anke joħodhom id-dar tiegħu waqt il-ħin tal-aċċess. Infatti permezz ta' digriet tas-27 ta' Settembru 2016, il-missier ingħata aċċess għal uliedu kull nhar ta' Erbgħa bejn il-5.00 p.m. u s-7.00p.m., u fi tmiem il-ġimgħa alternattivament is-Sibt mill-11.00 a.m. sat-3.00 p.m. u l-Ħadd fl-istess ħinijiet. Għal dan l-aċċess it-tfal kellhom jitwasslu fir-residenza tal-missier mill-omm u jiġu ritornati fir-residenza tal-omm mill-missier wara li jispiċċa l-aċċess.[1] Dan id-digriet kien ġie modifikat għall-vaganzi tal-Milied sussegwenti billi l-aċċess ta' nhar ta' Erbgħa kellu jitgawda bejn il-11.00 a.m. u t-3.00 p.m.[2]
>
> "Fil-fehma ta' din il-Qorti u b'tama li r-relazzjoni tal-ulied ma' missierhom tkompli titjieb iżjed ma jkun hemm kuntatt siewi bejniethom, il-modalitajiet tal-aċċess indikati fid-digiret tas-27 ta'

[1] Ara digriet a fol. 647 tal-proċess
[2] Ara digriet tas-6.12.2016 a fol. 697

Settembu 2016 għandhom jibqgħu japplikaw għal matul ix-xitwa u ż-żmien li fih it-tfal ikunu jiffrekwentaw l-iskola. Għal matul il-vaganzi tal-Milied, l-Għid u s-sajf l-aċċess għandu jkun dak stabilit fid-digriet tas-6 ta' Diċembru 2016, bid-differenza li għall-*weekend* l-aċċess għandu jispiċċa fis-6.00pm., minflok fit-3.00 p.m.

"Tenut kont ir-relazzjoni diffiċli li teżisti bejn il-partijiet, u biex kemm jista' jkun jiġu evitati iżjed konflitti bejniethom, il-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun f'idejn l-omm. B'dana pero' li l-konvenut qed jiġi awtorizzat sabiex f'kull waqt jikseb mingħand l-awtoritajiet/persuni konċernati l-informazzjoni li jkun jixtieq dwar is-saħħa u edukazzjoni ta' uliedu.

**"Manteniment:**

"Fil-każ in eżami l-attriċi *pendente lite* kienet qed titħallas mingħand żewġha bħala manteniment għal uliedha minuri is-somma ta' tliet mija u tmenin euro (€380) fix-xahar.[3] Billi kien konsiljabbli li l-attriċi ma tibqax tirrisjedi fid-dar matrimonjali, li tinsab proprju ma' ġenb dik ta' omm il-konvenut, li magħha huwa ċar li l-attriċi ma kellhiex relazzjoni tajba, hija ġiet awtorizzata sabiex tikri post fejn tgħix ma' uliedha, bil-konvenut iħallsilha dik il-parti tal-kera li ma tkunx sussidjata mill-Gvern.[4] *Pendente lite* ma kienx qed jitħallas manteniment lill-attriċi għaliha peress li din kienet qed taħdem, għalkemm fuq bażi *part time*,[5] u kienet qed tirċievi wkoll diversi benefiċċji soċjali.[6] Din ir-retta alimentari baqgħet titħallas tul il-kors kollu tas-smiegħ ta' din il-kawża, u qatt ma kien hemm ebda lmenti dwar xi dewmien fil-ħlas tagħha.
Permezz ta' din is-sentenza qed jiġi konfermat li mhux il-każ li l-attriċi tirċievi xi manteniment għaliha mingħand żewġha. Il- Qorti pero' hija tal-fehma li r-retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attriċi għal uliedha minuri għandha tiżdied għal ħames mitt euro (€500) fix-xahar. Din iċ-ċifra qed tiġi ffissata wara li ttieħdu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

"1. Il-konvenut mhux ser jibqa' jħallas lil martu xi parti mill-kera tar-residenza tagħha, u dana biex l-attriċi tara li tikri biss dak li kapaċi tħallas;

"2. Din iċ-ċifra għandha tinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tat-tfal. Dan qed isir biex, kif ingħad fir-rigward tal-kura u kustodja, jiġu evitati konflitti żejda bejn il-partijiet dwar dawn l-ispejjeż, b'detriment għall-ulied li jsiru jafu

[3] Ara digriet relattiv a fol. 36 tal-proċess
[4] ibid
[5] Ara dokumenti annessi man-Nota tal-attriċi tat-22.11.2016 a fol. 677 – 681, u dawk annessi man-Nota tagħha tal-21.06.2017
[6] Ara dikjarazzjoni mid-Dipartimnet tas-Sigurta' Soċjali annessa mal-istess Nota tal-21.06.2017

b'dan u jkollhom jgħixu din it-tensjoni kull meta l-partijiet ma jaqblux dwar dak li jkun intefaq;

"3. It-tfal, li kull ma jmur qegħdin jikbru bil-ħtiġijiet tagħhom dejjem jiżdiedu, ser ikunu qed iqattgħu l-parti l-kbira tal-ġimgħa ma' ommhom, li allura tkun hi li trid taħseb għall-bżonnijiet tagħhom;

"4. L-attriċi tista' taħdem iżjed sigħat matul il-ġurnata minn dak li qed jiġi ndikat, billi t-tfal dejjem jinġabru d-dar mill-iskola wara s-2.30p.m., u dana biex hija wkoll tikkontribwixxi aħjar sehmha mill-manteniment ta' uliedha; apparti d-dħul mill-impieg tagħha, l-attriċi tirċievi wkoll diversi benfiċċji soċjali, inkluż *children's allowance*, li għas-sena 2016 kienu jlaħħqu €8362.73ċ;[7]

"5. L-istess il-konvenut, minkejja dak li jiddikjara bħala dħul annwali tiegħu,[8] jidher li kapaċi jaqla' iżjed mill-bejgħ tal-ġbejniet. Huwa jgħid li jbiegħ medja ta' tliet mitt (300) ġbejna kuljum fl-aqwa tal-istaġun,[9] u għalhekk m'għandux ikun daqstant diffiċli għalih li jħallas din ir-retta alimentari.

**"Likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti:**

**"(a) immobbli:**

"Ma jirriżultax li hemm beni mmobbli għal qasma. Id-dar residenzjali hija parafernali tal-konvenut għax l-art li nbniet fuqha ġiet akkwistata qabel iż-żwieġ.[10] Il-bini tagħha wkoll sar qabel iż-żwieġ u fuq dan ma hemmx kontestazzjoni. Matul iż-żwieġ saru biss xi benefikati bħal twaħħil ta' *solar panels*, poġġamani tat-taraġ u xi oħrajn.

**"(b) mobbli:**

"1. <u>Attiv</u>: Dawn jikkonsistu f'oġġetti tal-għamara u diversi oġġetti oħra tad-dar li jinsabu fid-dar matrimonjali. Il-kontendenti mhumiex jaqblu dwar il-konsistenza u valur preċiż ta' dawn l-assi. Ma rriżultaw ebda depożiti bankarji jew investimenti oħra.

"2. <u>Passiv</u>: L-attriċi tgħid li ġabet magħha ir-rikavat mill-bejgħ ta' appartament li kienet tippossjedi flimkien ma' missierha fir-Russja.[11] Bir-rata ta' kambju ta' dakinhar,[12] sehem l-attriċi mir-rikavat, li hija tgħid li ġabitu kollu magħha meta ġiet biex tiżżewweġ lill-konvenut, ilaħħaq madwar sebat elef u ħames mitt euro (€7500). Hija tgħid li

[7] Ara dikjarazzjoni tad-Dipartiment relattiv, esebita man-Nota tal-attriċi tal-21.06.2017
[8] Ara kopja tad-Dikjarazzjoni tad-dhul tiegħu għas-sena bazi 2012, a fol. 569 – 572
[9] Ara deposizzjoni tiegħu in kontro-eżami a fol. 621
[10] Ara kopja tal-kuntratt tal-4.04.1992 esebita bħala Dok. MG1 a fol. 477 – 480
[11] Ara kopja tal-kuntratt relattiv a fol. 442 – 443, u traduzjoni tiegħu għall-Ingliż a fol. 440 - 441
[12] Ara Dok. C a fol. 468 - 470

dawn il-flus intefqu biex tiġi abilitata d-dar u għall-ħtiġijiet oħra tal-komunjoni, mentri l-konvenut jinsisti li l-attriċi nefqet parti kbira minnhom biex reġgħet siefret lejn ir-Russja, aktar minn darba, anke bit-tfal, biex iżżur lill-familja tagħha. Fi kwalunkwe każ, pero', billi dawn il-flus huma parafernali, jiġi li l-komunjoni għandha tirrifondi nofshom lill-attriċi.

"L-attriċi ppresentat lista tal-mobbli li hija tgħid huma appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti. Dawn ġew valutati minnha fis-somma ta' €23,642.03, u tippretendi nofshom.[13] Il-konvenut jikkontesta l-veraċita' ta' din il-lista u l-valuri mogħtija, u jgħid li uħud mill-oġġetti ndikati saru qabel iż-żwieġ, oħrajn ħadithom magħha meta telqet mid-dar, u hemm ukoll vettura li qed tintuża minnha.[14] F'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn l-allegazzjonijiet taż-żewġ partijiet ma jistgħux jiġu verifikati għal kollox, il-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri,* somma ta' erba' telef euro (€4000) li għandha tkun adegwata biex tagħmel tajjeb għal kwalunkwe sehem spettanti lill-attriċi mill-mobbli appartenti lil din il-komunjoni, li mhux prattikabbli li jinqasmu u ser jibqgħu għand il-konvenut, tenut kont ukoll li l-attriċi ser tiġi awtorizzata żżomm il-vettura li għandha fil-pussess tagħha, u d-dejn li għandha l-komunjoni mal-assi parafernali tal-attriċi."

## L-Appell Principali

L-Ewwel Aggravju [Kura u Kustodja]

8. Fis-succint il-konvenut jsostni li l-omm wahedha ma tistax tigi fdata bir-responsabbilita` esklussiva tat-trobbija tal-ulied minhabba il-kondizzjoni mentali taghha. Huwa kompla fisser hekk dan l-aggravju:

"  ……….. meta l-Qorti fdat il-kura u kustodja tal-minuri ahwa Galea lil mara biss, hija cahdet lil appellant minn decizjonijiet li frankament l-omm ma hix kapaci taghmel wahedha. Fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz odjem, id-dritt li l-missier jkun jaf bl-andament tal-edukazzjoni tal-minuri u li jkellem lill-ghalliema, u huma lilu, b'mod liberu jinhtieg qabel kollox li l-missier jgawdi l-ezercizzju tad-dritt ta' kura u kustodja. S'issa il-rwol ta' kif saru l-affarijiet f'dan il-kaz kien li t-teacher jew it-tabib jew

[13] Ara Dok. B a fol. 467
[14] Ara affidavit tiegħu a fol. 472 - 476

s-social worker jew il-psikologa jibghat ghaz-zewg genituri u d-decizjonijiet dejjem saru wara li jkun hemm il-kunsens ta' kulhadd ghaliex anke it-teachers u t-tobba u s-social worker wahedhom intebhu illi d-decizjonijiet tal-omm ma kienux tajbin tant li minn jeddhom dejjem baghtu ghar-ragel biex jirrenja is-sens komun. Minghajr il-kura u kustodja kongunta dik il-kollaborazzjoni tant siewja u bzonnjuza titnehha ghad-detriment tal-minuri u ghad-dettriment tal-ahjar interess taghhom. Diga` hemm problema kbira u serja u probabbilment irriversibbli tal-influwenza negattiva li ghandha l-omm fuq l-ulied. Il-kura u kustodja fdata esklussivament lill-omm ser tkabbar prolifikament din il-problema u thalli lill-missier bla ebda rimedju.

"…….. [isostni] li l-uniku mezz li jigu ssalvagwardjati l-interessi tal-minuri billi l-kura l-kustodja tibqa wahda kongunta biex il-missier jibqa jiehu sehem fid-decizjonijiet u aktar minn hekk ghaliex l-omm wahedha ma tistax tigi fdata bir-responsabbilta` esklussiva tat-trobbija tal-ulied minhabba il-kondizzjoni mentali taghha. Il-kura u kustodja kongunta huwa l-uniku rimedju li ghandu l-esponenti li jibqa' jikkontribwixxi fil-hajja edukattiva, u trobbija generali tal-ulied.Ghaldaqstant ghall-ahjar interess tal-minuri huwa imperattiv li l-kura u kustodja tibqa kongunta."

9. Min-naha taghha l-attrici tirribatti dan l-aggravju billi tissenjala li l-ewwel Qorti kienet korretta meta fdat il-kura u kustodja tal-minuri esklussivament lilha ghax b'hekk evitat il-probabbilita` ta' kunflitti interminabbli bejn il-partijiet fuq kull haga li tirrigwarda l-minuri b'detriment serju ghall-istess minuri. Tghid ukoll li l-ewwel Qorti ma eskludietx lill-konvenut mill-hajja ta' uliedhom. Hija kompliet tirribatti hekk:

"Fejn jidhlu affarijiet relatati mal-minuri, il-Qrati taghna dejjem imxew mal-principju li dak li ghandu jiggwida d-decizjoni tal-Qorti huwa l-ahjar interess tat-tfal, xejn aktar u xejn anqas. L-interess tal-genituri huwa interess sekondarju u li zgur m'ghandux iwassal biex jeghleb l-interess tal-minuri, li huwa u ghandu jitqies supremo. Ir-raguni ghalfejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li taghti l-kura u l-kustodja esklussivament lil omm kienet dettata mill-problema serja ta' komunikazzjoni li tezisti bejn il-partijiet u sabiex fl-ahhar mill-ahhar jigu evitati kunflitti bejn it-tnejn u numru interminabbli ta' rikorsi quddiem il-Qorti biex il-Qorti taghti awtorizzazzjoni ghal kull haga li jkun hemm

bzonn li jsir għall-aħjar interess tat-tfal. Fl-ewwel (1) ta' Novembru 2016, l-appellant stess ammetta f'rikors minnu prezentat li r-relazzjoni tiegħu ma' uliedu ma kinitx tali li huwa seta' jircievi lil uliedu d-dar u sahansitra wasal biex issugerixxa li l-kura tagħhom tingħata lill-foster carers, basta ma jibqgħux aktar ma' ommhom. Il-kontenut f'dan ir-rikors kien tali li sahansitra allega li l-omm kellha bzonn kura psikjatrika. Dan huwa bizzejjed sabiex wieħed jieħu impressjoni tal-istat attwali tar-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti u ta' kif il-missier kien qiegħed iħares u jikkunsidra lill-omm. F'dan it-tip ta' xenarju wieħed ma jimmaġinax li jista' jkun hemm stat ta' fatt li jippermetti liz-zewg ġenituri li jaħdmu id f'id u jieħdu decizjonijiet it-tnejn li huma flimkien f'armonija għall-aħjar interess tat-tfal.

"Apparti minn hekk wieħed jistaqsi x'seta inbidel minn sena 'l hawn biex il-missier issa jrid li jkollu kura u kustodja konġunta, meta sa tnax-il xahar ilu kien qiegħed jinsisti biex it-tfal jingħataw lill-foster carers sabiex jieħdu ħsiebhom huma għaliex fuq ammissjoni tiegħu stess fl-istess rikors hu ma kienx kapaci jieħu ħsiebhon, u l-istess ulied ma setgħux joqogħdu miegħu! Huwa f'dan il-kuntest li l-Ewwel Qorti iddecidiet sabiex il-kura u l-kustodja tingħata esklussivament lill-omm.

"Jiġi rilevat pero` li l-Ewwel Qorti fl-ebda ħin ma eskludiet lill-missier mill-ħajja tat-tfal. Apparti li kien hemm zieda sostanzjali fil-ħin tal-access, l-Ewwel Qorti għamlitha cara li l-missier ma kienx qiegħed jiġi eskluz milli jippartecipa u jkun konxju ta' dak li minnu jkunu għaddejjin uliedu. Difatti l-Qorti ikkoncediet lill-missier id-dritt li huwa jakkwista mingħand l-awtoritajiet/persuni koncernati l-informazzjoni li huwa jkun jixtieq dwar is-saħħa w edukazzjoni tal-ulied minuri. Id-decizjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienet għalhekk waħda ekwa u ġusta, intiza biex toħloq ekwilibriju b'mod li t-tfal ma jiġux affettwati b'mod negattiv. Jekk issir xi ħaġa biex dan l-ekwilibriju jintilef, huma t-tfal minuri li se jbatu. Dan għaliex decizjonijiet li jkunu sejrin jirrigwardaw l-interess tagħhom se jdumu aktar biex jittieħdu. Tenut kont tat-tip ta' relazzjoni li tezisti bejn il-ġenituri - liema relazzjoni proprju nibtet għaliex l-appellant ried li jkollu tfajla russa sabiex jizzewwiġha - il-probabilita kbira hi li sejra tkun rikjesta d-decizjoni tal-Qorti għal kull ħaġa li sejrin jkollhom bzonn il-minuri. Bizzejjed jissemma' l-fatt li għaliex il-missier xtara tablet għall-uliedu biex jintuza waqt l-access, huwa insista sabiex il-Qorti tagħti ordni halli dan it-tablet jerġa' jmur lura għandu u jibqa' għandu sabiex it-tfal juzawh waqt l-access u ma jibqax fir-residenza tal-ommm." Intalab l-intervent tal-Qorti fuq semplici tablet; aħseb u ara fuq kwistjonijiet li jkunu ta' aktar importanza u li jikkoncernaw b'mod dirett lit-tfal tal-koppja!! Għalhekk l-esponenti temmen li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri għandha tibqa' esklussivament f'idejha, salv id-drittijiet koncessi lill-missier fis-sentenza appellata."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Illum huwa assodat fil-gurisprudenza nostrana li fejn jidhlu t-tfal minuri ir-regola kardinali hi li l-interessi taghhom huma supremi tant li jipprevalu fuq dawk tal-ġenituri. Ghalhekk fejn l-animozita' bejn il-genituri u l-litigji kostanti ta' bejniethom anke fejn jidhlu l-fatturi tal-kura u kustodja u l-access relattiv, ikun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja ma tkunx wahda kongunta izda tkun wahda eskluziva favur genitur wiehed b'access adegwat favur il-genitur l-iehor bil-ghan ewlieni li kemm jista' jkun it-tfal minuri ma jigux esposti ghal-litigji frott tal-pika li tkun tezisti bejn il-genituri, proprju fuq kif ghandha tigi regolata l-hajja tat-tfal[15].

11. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li mill-atti, jirrizulta abbundantament li tul il-parti l-kbira tal-proceduri odjern ir-relazzjoni tal-genituri fejn tidhol il-materja li tikkoncerna t-tfal kienet hazina hafna, tant li wasslet ghas-sitwazzjoni fejn ghal xi zmien il-missier kien qata' qalbu li jezercita l-access tieghu ghat-tfal, sitwazzjoni li ssib il-fonti taghha fuq animozita` kbira bejn il-partijiet sahansitra b'allegazzjoni, li sussegwentement irrizultat infondata, li kien hemm abbuz sesswali dan parti tal-missier fuq bintu. Min-naha tieghu l-konvenut anke fl-appell tieghu jsostni li l-attrici mhijiex mentalment kapaci li tiehu decizjonijiet fuq it-tfal. Din il-Qorti

[15] Ara fost ohrajn App.C 221/08 Maria Cutajar vs Carlo Angelone, deciz fl-24 ta' Novembru 2017 u l-kazistika estensiva hemm citata

tosserva li dawn it-tip ta' allegazzjonijiet da parti tal-partijiet f' kawza ta' separazzjoni li l-vertenza ewlienija tkun il-materja tal-kura u kustodja sfortunament huma komuni hafna li jsiru u jkollhom impatt negattiv kemm fuq il-genituri u wisq izjed fuq it-tfal, sakemm iz-zmien juri u l-karenza ta' provi turi l-infondatezza ta' tali allegazzjonijiet.

12. Fil-kaz odjern, eventwalment, bl-isforzi tal-professjonisti fil-materja, is-sitwazzjoni ittrangat, tant li l-missier gie akkordat access piuttost ampju li permezz tieghu ikun jista' jtejjeb ir-relazzjoni mat-tfal tieghu. Dan kien rizultat ta' zewg digrieti moghtija mill-ewwel Qorti fis-27 ta' Settembru 2016 u fis-6 ta' Dicembru 2016. Jidher li sallum il-modalita` tal-access stabbilita mill-ewwel Qorti, li ghexet il-process kollu u semghet ix-xhieda kollha *viva voce*, hu wiehed ghaqli u korrett u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi minn dak stabbilit mill-ewwel Qorti fir-rigward, inkluz id-decizjoni taghha li takkorda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament lill-attrici, filwaqt li tat lill-konvenut l-awtorita` li jsegwi u jkun informat dwar dak kollu li jikkoncerna s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri.

13. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju [Manteniment]*

14. Dan l-aggravju hu fis-sens li meta l-ewwel Qorti iffissat manteniment fl-ammont ta’ €500, dan ghamlitu minkejja l-provi kollha pprezentati li juru li dan l-ammont huwa verament esagerat. Huwa kompla jfisser hekk din il-parti ta’ dan l-aggravju:

> “Bl-akbar rispett dovut meta l-ewwel Qorti ordnat illi huwa jhallas retta alimentari versu uliedu fl-ammont ta' hames mitt Euro (€500) fix-xahar, l-ewwel Onorabbli Qorti ma qisetx sew id-dhul tal-partijiet rispettivi u l-potenzjal tal-qligh rispettiv taghhom. Fl-andament tal-kawza, il-Qorti kienet *pendente lite* tat diversi ordnijiet *qua* manteniment izda aktar minn hekk, tat ordni lil konvenut biex ihallas il-kera tal-attrici. Kull ma ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tal-manteniment versu l-ulied huwa li, filwaqt li nehhiet l-obbligu li l-konvenut ihallas l-kera, ziedet bl-istess rata il-manteniment biex fl-ahhar tal-gumata xorta wahda qed ihallas ammont ezorbitanti lil martu in kwantu manteniment u kera izda fl-istess nifs injorat ghal kollox il-qaghda finanzjarja tal-attrici li inbidlet drastikament mil-ewwel digriet pendente lite sallum.

15. Il-konvenut jkompli jissenjala li l-attrici tahdem regolari u kapaci tahdem, kif ukoll tiehu l-beneficcji socjali relattivament ghall-ulied minuri, u ghalhekk ghandha l-kapacita` finanzjarja li tikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija tal-ulied: Jkompli jghid hekk fir-rigward:

> “….Issa fil-kawza odjerna verament illi l-kontro-parti harget mid-dar matrimonjali pero` mal-hrug taghha, kien il-konvenut appellant stess li sabilha ghal xoghol tlieta, u ghal post fejn toqghod, tnejn u tul il-kors tal-proceduri l-istess kontro-parti qatt ma hallset l-ebda kera stante illi nofs il-kera thallas bis-sussidju tal-gvem u n-nofs l-iehor mil-esponent. Fil-bidu tal-proceduri l-attrici ma kelliex impjieg u lanqas dhul pero` tul il-kors ta' dawn il-proceduri hija sabet xoghol regolari u baqghet tahdem mal-istess employer tant illi lill-uliedha thallihom sal-erbgha ta' wara nofsinhar (4pm) l-iskola fil-club 3-16 u ghalhekk kapaci tahdem u fil-fatt tahdem filghodu sal-4.00 ta' wara nofsinhar matul il-gimgha. Illi kien hemm xhieda sodisfacenti wkoll li turi kif l-employer taghha minkejja li hija tahdem numru kbir ta' sieghat fil-gimgha jirregistraha bhala *casual worker* u din is-sistema donnha tagjevola liz-zewg partijiet u ghalhekk lill-attrici fis-sens li hija bhala *casual worker* tkun tista tapplika u tiehu l-beneficcji u s-sussidji kollha li jtiha l-gvem. Dana

apparti li giet ipprezentata xhieda wkoll u anke ammettiet hija stess li kienet taghmel hafna kejkijiet, hija tghid bhala rigali, r-ragel taghha jghid bil-qligh.

……………………………..omissis ………………………………..

"..Propjament il-kaz in ezami jidher li l-missier ghandu qliegh ta' disat elef Euro (€9,000) fis-sena u cioe madwar seba' mija u hamsin Euro (€750) fix-xahar u l-omm ghandha introjtu aktar minnu stante li f'beneficcji socjali biss hija tircievi tmint elef tliet mija u tnejn u sittin Euro fis-sena (€8362.73). Fil-fehma umli tal-appellant meta l-Qorti Onorabbli ikkunsidrat li jbiegh medja ta' tliet mitt (300) gbejna kuljum fl-istagun, il-qorti skartat ghal kollox li l-istagun huwa biss xahrejn (2) fis-sena u mhux gust li allura dan l-ammont jig pprogettat fuq sena shiha u ma jittiehidx in konsidereazzjoni l-ispejjez marbutin mat-trobbija u zamma tal-istess annimali matul is-sena. Inter alia, bir-ragunament tal-ewwel Qorti Onorabbli, applikati mal-ligi wiehed suppost jiddeduci li l-minuri ghandhom bzonn ta' elf Euro (€1,000) kull xahar. Hawnhekk bl-akbar rispett l-ewwel Qorti kienet zbaljata aktar u aktar meta hawn si tratta ta' attrici li taf u tuza il-beneficcji socjali kollha ghal vantagg taghha inkluz li tmur ghand il-kap tal-iskola biex il-Gvern ihallas ghall-uniformijiet tal-ulied rispettivi, fatt li gie a konjizzjoni tal-esponenti wara s-sentenza li dwar dan ser jintalab permess biex jigi prezentat dokument u fl-istess hin tahdem jew kapaci tahdem gurnata shiha ta' xoghol ghal hamest ijiem fil-gimgha.

16. L-attrici min-naha taghha tirribatti ghal dan l-aggravju billi fis-succint tghid li l-konvenut m'ghandux ragun li jitlob riduzzjoni tal-manteniment. Hi issemmi erba' konsiderazzjonijiet in sostenn tar-riposta taghha, li fil-qosor huma s-segwenti:

17. [a] li l-attrici kienet kostretta tohrog mid-dar konjugali w issib proprjeta` ghal kiri biex takkomoda lilha u lil ulied il-partijiet. Di fatti l-attrici tghix f'proprjeta` mikrija u ghal dan kien hemm kontribut da parti tal-konvenut sabiex hi w uliedha jkollhom saqaf fuq rashom. Jissenjala li matul il-kors tal-kawza huwa kien gie ordnat mill-Qorti sabiex jikkontribwixxi ghall-hlas tal-kera tal-appartament. Din l-ordni pero` ma

kinitx marbuta mal-hlas tal-manteniment u ghalhekk dan il-hlas tal-kera kien jista' jkompli wara li ma jibqax l-obbligu li jithallas manteniment ghall-ulied.

18. [b] Bil-hinijiet tal-access kif stabbilit mill-Qorti t-tfal ser ikunu izjed mal-omm milli mal-missier u ghalhekk ghandu jkun ovvju li l-bzonnijiet kolha tat-tfal ser ikollha tahseb ghalihom l-attrici minn butha.

19. L-attrici tkompli tirribatti hekk fuq l-aggravju tal-konvenut:

> "(c) l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni huma inkluzi fir-rata ta' manteniment stabbilita. L-appellant donnu nesa li tul iz-zmien li kienu ghaddejjin il-proceduri odjerni ma hallasx centezmu wiehed li huwa wiehed ghas-sahha w edukazzjoni tal-minuri u kienet l-istess omm li kellha taghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez wehedha minghajr, l-ebda kontribut tal-missier. ……………….Spejjez ta' sahha w edukazzjoni ghal zewgt itfal zgur li se jitilghu konsiderevolment u allura ma jaghmilx sens li l-ammont ta' manteniment ifissat [li gia qieghed jiehu in konsiderazzjoni dawn l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni] jitnaqqas ghax fl-ahhar mill-ahhar se jkunu qeghdin ibatu l-ulied u hadd aktar. L-esponenti m'hix f'qaghda finanzjarja sufficjenti biex taghmel tajjeb wehidha ghal dawn l-ispejjez u difatti l-proceduri tas-separazzjoni kellha tkomplihom bil-beneficcju tal-ghajnuna legali;
>
> "Biex tonqos ir-rata ta' manteniment, irid ikun hemm obbligu da parti tal-missier biex ihallas l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni apparti. Pero` dan sejjer ikun ifisser kuntatt kontinwu bejn iz-zewg genituri bir-riskju li jkun hemm litigji bla bzonn. Huwa sottomess li s-soluzzjoni li ghazlet l-Ewwel Qorti ghar-rigward l-ispejjez dwar sahha w edukazzjoni - wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kienet wahda ekwa u gusta u ma jaghmilx sens li din tigi varjata minn din il-Qorti tal-Appell;
>
> "[d] L-allegazzjoni li l-esponenti qeghda taqla' aktar mill-appellant baqghet ma gietx ippruvata. Li kieku verament l-appellata kienet f'posizzjoni finanzjarja tajba ma kinitx sejra tipprevalixxi ruhha mill-ghajnuna legali, aktar u aktar meta wiehed iqis kemm huma ristretti t-threshholds sabiex wiehed jkun jista' jibbenefika mill-ghajnuna legali. L-appellata ipproduciet id-dokumenti u x-xhieda kollha in sostenn tal-qliegh taghha. Min-naha l-ohra, l-appellant jipprova jpengi lilu innifsu

bhala semplici rahhal li ghandu qliegh ta' disat elef ewro (€ 9,000) fis-sena biss. Jekk wiehed jiddividi dan l-ammont bi tnejn u hamsin (52) gimgha, jigi li fi kliemu l-appellant qieghed jaqla biss mija u tlieta u sebghin ewro punt ghaxar centezmi (€ 173.10) fil-gimgha li huwa ftit aktar minn tlett (3) ewro mill-paga minima nazzjonali. Dan pero` assolutament mhuwiex verosimili. Jekk wiehed jara d-djarju tal-bejgh li ipprezentat l-appellata waqt is-smiegh tal-kawza (liema kontenut ma giex kontestat bi provi fattwali kuntrarji mill-appellant) kif wkoll it-twegibiet li l-istess appellant ta in kontro-ezami fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2017 hareg bic-car li l-qliegh tal-appellant jisboq ferm aktar mill-ammont ta' disat elef ewro (€ 9,000) dikjarati minnu. Fl-aqwa tal-produzzjoni tal-gbejniet - **u dan minn dak li xehed u iddikjara l-appellant innifsu** - huwa jkollu turnover ta' tmien mija u erbghin ewro (€840) fil-gimgha." Fl-aqwa tax-xoghol (Marzu u April ta' kull sena), it-turnover tieghu gia jigi jisboq aktar minn sitt elef seba' mija u ghoxrin ewro (€6,720) li gia huwa aktar minn zewg terzi tal-qliegh dikjarat mill-appellant. Huwa inverosimili imbaghad li fl-ghaxar xhur tassena li jibqa l-appellant qieghed jaqla' biss elfejn mitejn u tmenin ewro (€2,280). Dan kollu l-Ewwel Qorti fehmitu sew. Fil-fatt fis-sentenza taghha hija irrimarkat: "l-istess il-konvenut, minkejja dak li jiddikjara bhala dhul annwali tieghu, jidher li kapaci jaqla' izjed mill-bejgh tal-gbejniet. Huwa jghid li jbiegh medja ta' tliet mitt (300) gbejna kuljum fl-aqwa tal-istagun, 10 u ghalhekk m'ghandux ikun daqstant difficli ghalih li jhallas din ir-retta alimentari."

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

20. Fir-rigward ukoll din il-Qorti ma tqies li l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti huwa zbaljat, anzi tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, l-oneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom li skond il-ligi jinkludi fih l-ispejjez tal-ikel, is-sahha u l-abitazzjoni[16], kif ukoll l-edukazzjoni. Min-naha tieghu l-konvenut, irrispettivament kemm jghid li jbigh gbejniet, m'ghandux dan il-piz kwotidjan li l-kura effettiva tal-minuri tirrikjedi.

[16] Art.19[1] Kodici Civili.

Barra minnhekk l-ammont mensili stabbilit mill-ewwel Qorti ta' €500 li jkopri l-ispejjez kollha ta' sahha w edukazzjoni tat-tfal huwa wiehed ragjonevoli w adegwat, jekk mhux addirittura tenwu tenut kont li biz-zmien il-bzonnijiet tal-hajja qed dejjem jizdiedu.

21. Ghalhekk anke fuq dan l-aspett l-ewwel Qorti kienet ghaqlija meta stabbiliet manteniment adegwat li jkopri il-bzonnijiet kollha tat-tfal biex b hekk fejn jidhlu l-interessi tat-tfal u l-oneru tat-trobbija taghhom ma jkunx hemm litigji dwar kontijiet li ma jithallsux. Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.

22. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud

*It-Tielet Aggravju [Komunjoni tal-Akkwisti]*

23. Il-konvenut fisser dan l-aggravju hekk:

> "Illi l-konvenut ihossu aggravat bil-parti tas-sentenza fejn il-Qorti illikwidat il-komunjoni b'tali mod li hasset li ghandha *arbitrio boni viri* tordna l-hlas lil mara mir-ragel is-somma ta' erbat elef (€4,000) stante illi skont l-istess Qorti l-allegazzjonijiet ma gewx verfikati. Bl-akbar rispett dovut, l-appellant b'risposta ghal-lista tal-kontenut tal-komunjoni tal-akkwisti pprezentata minn martu, ipprezenta min-naha tieghu numru ta' rcevuti li ma gewx ikkontestati li juru b'mod car li l-pretensjonijiet tal-istess attrici appellata rigward l-komunjoni tal-akkwisti kien fil-parti kbira konsistenti f'proprjeta` parafernali tal-konvenut appellat. Bl-akbar rispett dovut l-appellant ma jistax jifhem

kif il-Qorti Onorabbli tal-ewwel istanza kellha tirrikorri ghall-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* meta l-prova imressqa mill-konvenut ma giet bl-ebda mod kuntrastata u fuq bazi ta' probabilita` hija verosimili tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz li l-mobbli u benefekati elenkati mill-mara kienu propjament assi parafemali tar-ragel.

"L-attrici inghatat il-parti l-kbira tal-kontenut tal-kommunjoni talakkwisti peress li giet awtorizzata zzomm dak li hadet, zammet ukoll il-vettura Kia Avella minghajr ma giet ordnata thallas l-ebda ammont lir-ragel f dan ir-rigward. Anzi in linea ta' *arbitrio buon viri,* kien il-konvenut li kellu jhallas lill-attrici. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti bl-akbar rispett kienet zbaljata u ma kellu jinghata ebda hlas lill-mara stante illi l-valur likwidat gew assenjati lilha bhala mobbli."

24. L-attrici tirribatti ghal dan l-aggravju billi, fl-ewwel lok tissenjala li fuq dan l-aspett din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni qed tigi mitluba li tvarja l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti li kellha l-vantagg li tisma' x-xhieda viva voce u tasal ghall-konkluzjonijiet taghha. Hija fissret hekk s-sottomissjonijiet taghha fir-rigward:

"L-Ewwel Qorti ikkonfermat li mill-provi prodotti fil-verita` kienu inxtraw affarijiet mobbli waqt iz-zwieg u li ghalhekk kienu jappartjenu lill-komunjoni. Fid-dawl tal-kontestazzjonijiet bejn il-partijiet, il-Qorti kienet qatghet sinjal fin-nofs u iffissat l- ammont ta' erbat elef ewro (€4,000) bhala ekwiparazzjoni dovuta lill-esponenti ghal sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. L-appellant irid jifhem li l-parti l-kbira tad-dar giet mghammra fiz-zwieg tieghu mal-appellata w allura bilfors li l-appellata hija intitolata ghal nofs l-ammont li intefaq fiz-zwieg. L-oggetti kollha indikati fl-affidavit tal-appellata huma kollha oggetti normali li wiehed isib f'kull dar u assolutament mhux il-kaz li l-appellata kienet qed tivvinta minn znieda dwar x'inxtara jew ma inxtarax fiz-zwieg. Jekk wiehed iqis biss li l-appellant zamm is-sufan u l-pannelli ghall-generazzjoni tal-elettriku li ghandhom valur bejniethom ta' kwazi sebat elef ewro (€7,000), nofs is-sehem ta' dawn l-oggetti gia wahdu kwazi jwassal ghall-ammont ta' ekwiparazzjoni iffissata mill-Qorti. Dan ikompli jikkonferma kemm l-Ewwel Qorti kienet ekwa u gusta fl-iffissar tal-ekwiparazzjoni dovut lill-appellata.

"Fl-appell tieghu l-appellant qieghed jippretendi li huwa ma kellu jhallas xejn lill-martu ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghax skont hu martu gia kienet hadet sehemha mill-komunjoni fi hwejjeg mobbli billi hadet mobbli u vettura. Dan l-argument minnu innifsu

jikkontradixxi dak li jghid l-appellant aktar kmieni fl-appell tieghu li l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti kienet prattikament maghmula minn oggetti li kienu ta' natura parafernali. Mela allura inxtraw affarijiet fiz-ziwieg li l-appellata ghandha tigi kumpensata ghalihom!! Mela allura l-appellant ma kienx korrett meta iddikjara li l-maggjoranza tal-affarijiet kienu parafernali tieghu.

"Minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk wiehed jezamina l-process, jirrizulta li l-appellant ma ghamel l-ebda kalkolu u lanqas pprezenta provi biex jiggustifika li dak li allegatament gia kienet hadet martu u li skont hu kien bizzejjed biex ipatti ghas sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti. L-oneru tal-prova f'dan ir-rigward kien jinkombi fuq l-appellant u la darba din il-prova ma saritx minnu, ma jistax issa jippretendi li ghaliex l-Ewwel Qorti waslet ghall-kalkolu *arbitrio boni viri* (kif kellha kull dritt li taghmel) allura tali ezercizzju li ghamlet l-Ewwel Qorti ghandu jigi skartat u annullat. Fil-verita wkoll l-esponenti ftit li xejn setghet tiehu oggetti maghha ta' certu kobor ghax hija m'ghandhiex post fiss taghha fejn tista' tabita u kollox jiddependi mill-volonta` ta' min qieghed jikrilha l-appartament fejn toqghod. Ghalhekk l-esponenti isostni li m'hemmx ragunijiet sufficjenti biex il-kalkolu li ghamlet l-Ewwel Qorti jigi varjat jew sahanistra imhassar kompletament kif qieghed jippretendi l-appellant."

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

25. Anke dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tikkunsidra li l-ilment tal-konvenut mhuwiex gustifikat. Mill-provi jirrizulta li l-attrici ghamlet lista dettaljata dwar dak kollu li l-partijiet kienu xtraw waqt iz-zwieg, u minn ezami tal-istess jirrizulta car li dawn huma affarijiet li solitament issib fi djar matrimonjali. Fl-istess lista l-attrici tindika l-valuri kollha tal-oggetti rispettivi li, hi stmat fil-valur komplessiv ta' €23,642 u li ghalhekk nofs dan l-ammont, jigifieri €11,821 jirrapprezenta sehmu tal-komunjoni fir-rigward.

26. Min naha tieghu l-konvenut spjega fl-affidavit tieghu li whud mill-oggetti elenkati mill-attrici kienu saru qabel iz-zwieg filwaqt li oggetti ohra kienu nxtraw fiz-zwieg bi flus parafernali tieghu. Huwa jindika fir-rigward, il-kcina, il-wall unit u l-hadid tat-tarag. Jghid li l-oggetti l-ohra kienet hadithom l-attrici meta telqet mid-dar. Jallega wkoll li qabel iz-zwieg huwa kellu madwar LM2,800, izda ma gabx provi fir-rigward. Jghid l-unici "ricevuti" li sab kienu dawk ezebiti bhala Dok. MG2 u MG3 li jirrreferu ghall-kcina.

27. Il-Qorti tosserva li kif solitu jigri fil-likwidazzjoni tal-assi mobbli li jkunu jinsabu fid-dar matrimonjali ikun hemm kuntrast dwar varji oggetti li fir-rigward ta' uhud minnhom jigi allegat li jkunu parafernali ta' xi parti; fir-rigward ta' ohrajn jigi dikjarat li gew mehuda mill-parti li tkun telqet mid-dar matrimonjali u, ohrajn li, filwaqt li jigi allegat li nxtraw waqt iz-zwieg, parti tallega li kienu parafernali taghha ghax inxtraw minn flus parafernali.

28. Issa fil-kaz in dizamina, ghalkemm huwa provat li l-fond li kien iservi bhala d-dar matrimonjali huwa parafernali tal-konvenut u ghalhekk xi ghamara u oggetti mobbli kienu diga` hemm, huwa ferm probabbli li meta l-partijiet izzewgu huma xtraw u ghammru l-fond b'mobbli godda u xtraw affarijiet li wiehed ragjonevolment isib f'dar matrimonjali fejn jghixu mhux biss il-partijiet izda anke uliedhom. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti

tapprezza d-diffikulta` li kellha l-ewwel Qorti sabiex tiddistingwi dak li allegatament hu parafernali minn dak li mhuwiex; dan hu hekk ukoll ghax ma tressqux provi sufficjenti fir-rigward.

29. Izda, in propositu ghar-ricevuta[17] prezentata mill-konvenut dwar l-oggetti mixtrija minnu ghall-kcina, il-Qorti tosserva li din tikkonsisti f'dokument wiehed fejn fuq naha hemm lista tal-oggetti ordnati u fuq in-naha ta' wara tal-istess dokument hemm li fit-30 ta' Dicembru 2004 il-prezz tal-oggetti ammontanti komplesivament ghal LM3,632 thallas kollu, ghalhekk skond hu l-attrici ghandha taghtih dan l-ammont. Rigward l-allegazzjoni tieghu li l-attrici inkludiet fil-lista taghha il-kcina, jigi osservat li l-oggetti indikati minnha mhumiex fost l-oggetti li hemm indikati fir-ricevuta esebita mill-konvenut. Din ir-ricevuta issemmi l-bank tal-kcina, il-fridge, il-forn u l-hobb, is-sink, il-microwave u sopraporta; filwaqt li fil-lista taghha l-attrici issemmi "kitchen table + six chairs + cupboard, tal-valur komplessiv ta' €2,911. Ghalhekk mhuwiex minnu li dak pretiz mill-attrici jinkludi oggetti pretizi mill-konvenut u li kien hallas ghalihom qabel iz-zwieg.

30. Issa, filwaqt li l-attrici qed tippretendi li s-sehem tal-konvenut tal-valur tal-assi mobbli tal-komunjoni jammonta ghal €11,821, il-konvenut

[17] Fir-rigward huwa relevanti l-verbal registrat mill-konvenut, li testwalment jaqra' hekk: *"…. b' referenza ghad-dokumenti annessi mal-affidavit ta Mario Galea prezentati illum qed jezenta lill-konvenut milli jingungi lid-diversi rapprezentanti li hargu d-dokumenti annessi [allura inkluza r-ricevuta markata dok.MG2 – MG3 Vol.II fol.481] biex jikkonfermaw li huma vera kopja tal-original.]"*

isostni, inter alia, li l-komunjoni hija debtrici tieghu tas-somma ta' LM3,632 illum ekwivalenti ghal €8,462 u ghalhekk huwa ghandu jiehu minghand l-attrici nofs dan l-ammont, jigifieri s-somma ta' €4,231; b'hekk jigi li l-attrici ghandha thallas lill-konvenut il-bilanc ta' €7,590.

31. Mill-banda l-ohra pero`, din il-Qorti tosserva li matul il-konvivenza matrimonjali, l-attrici kienet tiehu hsieb id-dar u t-trobbija tat-tfal kif ukoll tghin lill-konvenut fin-negozju tieghu fil-produzzjoni tal-gbejniet. B' applikazzjoni tal-massima *omnis labor optat praemium*, u kif diga` ritenut fil-gurisprudenza nostrana dan ix-xoghol li ghamlet l-attrici ghandu jinghata valur ekonomiku[18] u jissarraf f'somma li ghandha tiehu l-attrici fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghax-xoghol li ghamlet matul iz-zwieg u li minghajru l-konvenut ma kienx ikun fil-pozizzjoni li jahdem u jarrekkixxi l-komunjoni tal-akkwisti bil-valur tal-assi kontenuti fil-komunjoni. Tenut kont tal-fatt li l-konvivenza matrimonjali damet circa 8 snin, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta' €7,590 ghandu jigi pacut mal-ammont dovut lill-attrici ghax-xoghol li kienet ghamlet ghall-beneficcju tal-komunjoni matul il-konvivenza.

32. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis dan l-aggravju fondat u qed jigi milqugh.

---

[18] Ara. *App. [1576/1998/1] John Baptist Caruana vs Rosanna Caruana, deciz fit-3 ta' April 2009; App.C 351/05 Julia Coleiro vs Carmel Coleiro, deciza 31 ta' Ottubru 2014*

L-Appell Incidentali

33. Dan hu bazat fuq l-aggravju li l-attrici gabet maghha flus parafernali mill-bejgh tal-appartament li hi kellha gewwa r-Russja fl-ammont ta' circa €8,000. Tghid li ladarba l-ammont kollu huwa paraferanali allura kellu jigi rifuz lilha l-ammont fl-intier tieghu u mhux biss nofsu kif ordnat l-ewwwel Qorti. Hija kompliet tispjega dan l-aggravju hekk:

> "L-esponenti pero` umilment tissottometti li r-ragunament tal-ewwel Qorti huwa legalment skorrett. Ladarba l-ammont gie stabbilit li huwa parafernali, l-intier tal-ammont kollu kellu jigi rifuz lura lill-attrici u mhux nofsu jew parti minnu. Dan appart l-fatt li l-ammont parafernali tal-attrici appellata kien ta' tmint elef euro [€8,000] u mhux biss is-somma ta' …….. [€3,750] li stabbiliet l-ewwel Qorti. Li kieku kellu jigi accettat ir-ragunament tal-Ewwel Qorti allura jkun ifisser li parti hija biss intitolata ghal nofs il-kontribuzzjoni parafernali li hija tkun ghamlet bhala investiment fil-komunjoni minflok l-intier tal-istess kontribuzzjoni u dan bi ksur ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 1331[2] tal-Kap.16."

34. Min-naha tieghu l-attur jirribatti billi jissenjala li l-ammont li l-attrici gabet maghha mir-Russia kien ta' €7,500 u mhux ta' €8,000 kif qed tippretendi issa l-attrici. Ukoll, ladarba l-kreditu parafernali dovut lil parti jew ohra huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti jrid jithallas miz-zewg partijiet flimkien u ghalhekk nofs dawk il-flus jithallsu mir-ragel u n-nofs l-iehor jithallsu mill-mara.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

35. Dan l-appell huwa wiehed fieragh ghall-ahhar. Il-pozizzjoni korretta hi kif komputata mill-ewwel Qorti, jigifieri, ladarba l-ammont ta' €7,500 jirrizulta li huwa parafernali tal-attrici u, fuq bazi ta' probabbilita`, intefaq ghal beneficju tal-komunjoni tal-akkwisti, mela din tal-ahhar hija debitrici fil-konfront tal-attrici ghall-ammont fuq imsemmi, u ladarba nofs il-komunjoni huwa tal-attrici, allura huwa car li nofs dak l-ammont huwa dovut mill-attrici. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li l-konvenut, bhala s-sehem tieghu mid-dejn tal-komunjoni, ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' €3,750.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell principali fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €4,000 (erbat elef euro) u minflok, tiddikjara li l-konvenut m' ghandux jaghti dak l-ammont lill-attrici; tichad l-appell incidentali; u tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relattivi ghall-appell principali jkunu a karigu tal-konvenut in kwantu ghal zewg terzi [2/3] filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] ikun a karigu tal-attrici; tordna li l-ispejjez relattivi ghall-appell incidentali jkunu a karigu tal-attrici

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr